# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 120/2018**

Il-Pulizija

vs

**Tarquin Vella**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 405690(M)

Illum,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Tarquin Vella quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-6 ta' Marzu tas-sena 2017, l-appellant tressaq quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, akkuzat:

1. Talli fix-xahar ta' Ottubru tas-sena 2016, naqas milli jaghti lil Roxanne Brignone s-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Marzu, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi mputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal xahrejn detenzjoni.

Il_Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellanti Tarquin Vella minnu pprezentat fil-15 ta' Marzu, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha Filwaqt li tikkonferma dik il-part tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu;

Thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minnflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi l-appellant umilment jissottometti li n-nuqqas tieghu li jhallas manteniment ma kienx b'xi forma ta' kapricc jew sabiex jipprova jahrab mill-obbligi tieghu, izda kien imqanqal purament mic-cirkostanzi partikolari li ghaddej minnhom l-appellant.

2. Illi l-appellant huwa ntenzjonat li jsib xoghol u li jhares l-obbligi tieghu izda l-fatt li huwa qed ikun taht detenzjoni, mhux thallilu l-possibbilta' li jaghmel dan.

3. Illi l-appellant umilment jissottometti li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-piena inflitta mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet wahda ezagerata u li r-rizultat taghha ser ikun li tkompli tippreklудih milli jhallas il-manteniment dovut u konsegwentement tali nuqqas zgur li jkollu effett detrimenti anki fuq il-wild minuri tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2018 l-appellant hallas dak kollu dovut lill-parte civile.

Illi l-parte civile ma ghndha ebda interess ulterjuri f'dan l-appell.

Ghaldaqstant, tikkonferma s-sentenza appellat fil-meritu. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tillibera lil Tarquin Vella taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kndizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.